# LECTIO DIVINA

# IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN (B)

## Ġw 2,19-25

Kuntest

Fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames Ħadd tar-Randan (B) naraw tlett katekeżijiet minn San Ġwann fuq il-misteru tal-Għid. It-tieni qari jkompli jibni ma' din ir-riflessjoni.

Aħna u naqraw l-Evanġelju skont San Ġwann irridu nżommu f'moħħna xi punti prinċipali li joħorġu kontinwament fir-rakkonti tiegħu:

- **is-siegħa**: il-vanġelu kollu ta' Ġwanni hu indirizzat lejn is-*siegħa* tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù.
- **is-salib**: huwa t-tron tal-glorja; fuqu Ġesù huwa l-aktar b'saħħtu u l-aktar rebbieħ (Τετέλεσται = kollox mitmum = missjoni kompluta b'suċċess).
- **Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla**: min jemmen f'dan l-Iben mibgħut ta' Alla jsalva, imma min ma jemminx ikun jikteb il-kundanna tiegħu stess; it-telfien. In-nuqqas ta' twemmin f'dan Kristu, f'San Ġwann huwa l-uniku dnub (li jeżisti). Imbgħad minn dan id-dnub joħorġu d-dnubiet l-oħra kollha.

**"Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm" (v. 13)**

San Ġwann tul il-mixja ta' Ġesù, isemmi 3 darbiet l-Għid. Dan ta' kap 2 huwa l-ewwel darba (it-tieni hu waqt il-multiplikazzjoni tal-ħobż f'6,4: "Kien qrib l-Għid, il-Festa tal-Lhud", u t-tielet darba hi dik tal-waqt tal-mewt ta' Ġesù f'11,55: "Kien wasal l-Għid tal-Lhud...").

Kemm fl-Għid imsemmi f'2,13 kif ukoll fit-tnejn l-oħra, Ġwanni juża l-espressjoni "tal-Lhud" (τὸ πάσχα τῶν Ἰουδαίων, tr. to páscha ton Ioudaíon). Fl-A.T. imkien ma jissemma li l-Għid hu *ta' xi ħadd* ħlief *tal-Mulej* ("Din hi l-mogħdija tal-Mulej... l-Għid tal-Mulej" Eż 12,11.48. Ara wkoll Lev 25,5; Num 9,10.14; Dewt 16,1; 2 Slat 23,21.23). Joħroġ ċar il-messaġġ li jrid iwassal Ġwanni; din il-festa ma kinitx għadha ta' Alla, imma bil-mod il-mod il-poplu ta' Iżrael kien

ħatafha u għamilha tiegħu. Dan kien irnexxielu jibdilha kif jaf hu u effettivament kif jaqbel lill-interessi tiegħu; it-tempju flimkien mal-attività kollha mdawra miegħu ma baqgħux jirriflettu is-sagralità tal-misteru u tal-preżenza ta' Alla, imma saru jirriflettu l-iskop ta' min kien jamministrahom.

L-iskop ta' Ġesù hu li jerġa' jagħti lura lil Alla dak li hu ta' Alla, u għalhekk jerġa' jagħti mill-ġdid it-tifsira oriġinali li kellha din il-Festa: "l-Għid tal-Mulej".

**"Fit-tempju sab min qiegħed ibiegħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus. Għamel sawt mill-ħbula, u keċċihom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed." (vv. 14-15)**

Malli jidħol fit-tempju Ġesù, l-ewwel ma jiltaqa' hu mal-bejjiegħa u mas-sarrafa. Dawn kienu jasarrfu billi jibdlu l-munita impura (għax fuqha kellha l-wiċċ ta' Ċesri) mal-munita tat-tempju li biha l-Lhud setgħu jħallsu t-taxxa annwali tat-tempju. Moħbi taħt il-kostum tas-servizz, l-qadi tal-pellegrini u opri tajba oħra, Kristu li *jagħrbel* u *jagħraf* il-ħsibijiet u l-qlub (ara Salm 139) jilmaħ moħbija l-interessi propji tagħhom billi jastagħnu huma b'riħet il-kultura, is-sitwazzjoni politika u b'riħet dawk li ġew jitolbu u jiltaqgħu ma' Alla fit-tempju ta' Ġerusalemm.

Permezz ta' din ix-xena ta' Kristu li jkeċċi lil dawn mit-tempju, Ġwanni jrid jorbot direttament dak li l-profeti fl-A.T. ħabbru dwar il-Messija li kellu jiġi: "Araw, jiena se nibgħat il-messaġġier tiegħi biex iħejji t-triq quddiemi..." (Mal 3,1) u "... u ma jkunx hemm aktar neguzjanti dakinhar fit-tempju tal-Mulej tal-eżerċti" (Żakk 14,21). Permezz tal-profeti Alla kien diġa wera li lilu ma jogħoġbuhx is-sagrifiċċji magħmula minn barra, għal wiċċ in-nies u għall-interessi persunali (Ara Ġer 7,21-26; Għam 5,21-24; Is 11,11-17).

**"U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: 'Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!' Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura: 'Il-ħeġġa għal darek fnietni.'" (vv. 16-17)**

Fit-T.Q. ħadd ma kien jazzarda jsejjaħ lil Alla "missieru" f'sens persunali. Alla kien meqjus bħala missier il-poplu fis-sens tal-għeġubjiet kbar li wettaq magħhom tul l-istorja speċjalment fil-ġrajjiet tal-Eżodu.

Huwa biss Ġesù li b'mod uniku u ġdid, u li ħadd qatt ma uża qablu, jitkellem ma' Alla u jindirizzah bħala l-Missier tiegħu (πατρός μου, tr. patrós mou). Aktar 'il quddiem anke d-dixxipli fehemu u pritkaw din il-verità meta wara l-qawmien, Ġesù wera lilu nnifsu lil Marija ta' Magdala u kellimha fuq il-missier tiegħu u l-missier ta' kulħadd: "Jien sejjer għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom" (20,17. Ara wkoll 5,17-26; 6,32.37.40; 10,30; 14,10).

Fejn is-Sinottiċi jirreferu għat-tempju bħala "dar it-talb" (ara Mt 21,13; Mk 11,17 u Lq 19,46), fi Ġwanni Ġesù jsejjaħ it-tempju "dar Missieri". Dan minkejja li fl-A.T. it-Tempju kien jissejjaħ id-dar ta' Alla (ara Salm 122,1).

Ġesù jrid jittrasforma t-tempju billi jippurifikah. Ġesù jieħu post is-sagrifiċċji kultwali; hu jieħu post is-sagrifiċċji tal-bhejjem l-oħra. Is-sagrifiċċju kultwali jrid jiġi superat mis-sagrifiċċju personali: "Mhux kull min jgħidli 'Mulej Mulej' jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet." (Mt 5,21). Il-Missier mhux biżżejjed li jirċievi qima bix-xofftejn biss (ara Mt 15,8) u bil-ħwejjeġ materjali (esterjorità): "Il-festi tagħkom sirt nobgħodhom u nistmerrhom, ebda gost ma nsib fil-laqgħat tagħkom. Meta tressquli quddiemi l-offerti tal-ħruq u s-sagrifiċċji tagħkom, ma jogħoġbunix, u anqas biss inħares lejn l-offerti tas-sliem tal-bhejjem imsemmna tagħkom." (Għam 5,21-22). Il-Missier fuq kollox jitlob interjorità, kult interjuri frott l-interjorizzazzjoni ta' dak li jidher fuq barra "Għandi qalbi tħeġġeġ għall-aħħar għall-Mulej, Alla tal-eżerċti, għaliex ulied Iżrael ħallew il-patt tiegħek..." (1 Slat 19,10. Ara wkoll 1 Slat 19,14 u Salm 69,10).

**"Imbgħad il-Lhud qabdu u qalulu: 'X'sinjal sa turina li inti tista' tagħmel dan?' Ġesù weġibhom: 'Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem jien nerġa ntellgħu.' Għalhekk il-Lhud qalulu: 'Dan it-tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?'" (vv. 18 u 19).**

"Il-Lhud jitolbu s-sinjali u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab... Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla" (1 Kor 1,22-25 passim). Il-Lhud jitolbu "sinjal" ċar biex iservi ta' kredibiltà għal dak li għadu kif għamel u qal Ġesù, imma hu ma jwettaqx is-sinjal skont il-kriterji u x-xewqat tagħhom. Hu jirreferi għal sinjal li bħalu qatt ma kien għadu deher – l-ikbar sinjal – dak tal-*qawmien* tiegħu mill-mewt. Ġesù ma jitkellimx b'mod litterali imma b'mod profetiku – jibdel it-tempju l-antik f'wieħed ġdid fi tlett ijiem.

"intellgħu": Ġesù juża l-verb ἐγείρω (tr. egheiro) li jfisser kemm *ittella bini* jew inkella *l-qawmien mill-imwiet*. Il-Lhud imbgħad jitkellmu minn kostruzzjoni ta' bini jew ta' dar billi f'v. 20a jużaw il-verb οἰκοδομέω (tr. oikodoméo); "Dan it-tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena...". Ġwanni ried juri li dawn ma fehemu xejn mis-sens profetiku li bih kien qed ikellimhom Ġesù anke jekk fit-tieni parti tal-istess vers jużaw l-istess verb(ἐγείρω) li uża Ġesù: "... int se ttellgħu fi tlett ijiem?" (20b). Fil-fatt, tul il-ħajja kollha tiegħu dawn jibqgħu ma jirrikonoxxuhx bħala profeta.

**"Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu. Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dak li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù." (vv. 21-22)**

Ġwanni jneħħi kull dubju permezz ta' v. 21. Mhux biss, imma jorbot din il-verità mal-fatt li d-dixxipli f'dak il-mument, kienu minn dawk li ma fehmux, għax fehmu "meta mbgħad qam mill-imwiet... ftakru f'dan li kien qal u emmnu".

Kristu rxoxt huwa t-tempju l-ġdid u l-veru tempju; l-uniku post fejn jgħammar Alla fost il-bnedmin. It-tempju l-qadim – anke jekk dam biex inbena u kien prezzjuż u għall-qalb il-poplu – jaqa' permezz tal-wasla tat-tempju l-ġdid; Kristu. Il-Missier jiġi meqjum mhux tant f'tempju magħmul mill-ġebel, imma fit-tempju interjuri fejn wieħed jiltaqa' mal-"Ispirtu u l-verità" (4,23).

**"... kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. Imma Ġesù, min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem." (vv. 23-24)**

Mill-ġdid joħroġ l-aspett tal-esterjorità; meta dak li jidher minn barra jista' jqarraq bil-persuna għax ma jirriflettix x'hemm ġew (l-intenzjoni). Għall-fatt li Ġesù "kien jaf lil kulħadd" u "hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem" (v. 25), ma jimpressjonax ruħu bil-"ħafna li emmnu". Dawn huma dawk li għalkemm "emmnu", m'emmnux fih b'mod sħiħ u u perfett. Huma emmnu għax *raw* is-sinjali u mhux għax hu l-Iben ta' Alla (ara 3,18; 20,29).

Hija fidi immatura li mhux dejjem twassal għal fidi matura. Fil-fatt meta jonqos il-katalist tal-fenomenu (is-sinjali), ħafna jaħarbu mix-xena, għax ma jibqgħalhomx interess.

Meditatio

- Hemm xi ħaġa li forsi jien ħtaftha lil Alla u għamiltha tiegħi?
- Wara xi attività tajba u qaddisa... fejn, u kif jista’ jkun hemm moħbi interess personali tiegħi? B’liema post/attività qaddis/a jista’ jkun li qed ninqeda biex nissodisfa xi bżonn/ijiet tiegħi?
- Fejn hija/huma dawk il-postijiet u dawk il-ħinijiet li fihom jiena nista’ ngħid li niltaqa’ ma’ Alla verament?